# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 20 ta' Settembru 2024**

**Numru 9**

**Rikors Numru 430/21TA**

**Judit Krisztina Millner (bil-Passaport Ungeriż numru BS3852457)**
**vs**
**Crystal River Cruises Manning Limited (C 74271)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Judit Krisztina Millner (l-Attriċi) tal-4 ta' Mejju 2021 li permezz tiegħu ppremettiet u talbet is-segwenti:

1. Premess illi r-rikorrent kienet impjegata mas-soċjeta` intimata bħala *waitress* abbord wieħed jew uħud mill-bastimenti proprjeta` tal-kumpanija intimata (fosthom abbord il-bastiment Crystal Mahler) u dan kif jirriżulta mill-kuntratti t` impjieg tagħha hawn annessi u mmarkati bħala **Dok. A sa` Dok.Ċ;**

2. Premess illi b` konsegwenza diretta tal-istess xogħol li kienet tiġi rikjeta tagħmel abbord l-istess bastiment, ir-rikorrenti bdiet tbati minn kondizzjoni li żviluppat f-idejha x-xellugija, liema kondizzjoni hija magħrufa bħala *Cubital tunnel syndrome u Carpal Tunnel Syndrome* fuq

l-istess id xellugija tagħha b` dan li kellha ssir ukoll *Transpositionerviperipherialis* fuq l-istess id, liema kondizzjoni ġiet fuqha kawża tax-xogħol li jmur *oltre* minn dak indikat (*waitress*) peress li kienet tiġi mitluba wkoll tagħmel xogħol ta` *runner* li kien jinkludi wkoll ġar ta` oġġetti tqal immens, nuqqas ta` mistrieħ adegwat minħabba l-ħinijiet tax-xogħol, u *oltre* minn dak li normalment jiġi spettat minn *waitress*;

3. Premess illi l-kondizzjoni msemmija hija konsegwenza diretta u ġiet fis-seħħ minħabba traskuraġni, tort, negliġenza, u nuqqas ta` osservanza tar-regolamenti applikabbli da parti tal-istess soċjeta` intimata (fosthom iżda mhux limitatament għal dawk relatati mas-saħħa u s-sigurta` tal-impjegati waqt il-ħin tax-xogħol);

4. Premess li b` riżultat dirett li l-istess ir-rikorrent sofriet danni fosthom (iżda mhux limitatament) għal danni fiżiċi fl-id xellugija tagħha, telf ta` introjtu, nuqqas ta` ħlas ta` benefiċċji tal-mard li s-soċjeta ` intimata obbligata li tħallas, disabilita` permanenti u danni konsegwenzjali oħra;

5. Premess li d-disabilita` permanenti tar-rikorrenti ġiet konstatata mill-espert Mediku Zoltan Fulop skond iċ-ċertifikat mediku hawn anness u mmarkat bħala Dok. D. Hu mistenni li disabilita` permanenti tkompli tmur għall-agħar u tiddeterjora u konsegwentement il-persentaġġ ta disabilita` hu mistenni li jikber u dan kif ser jiġi pruvat fil-mori tal-kawża;

6. U premess illi s-soċjeta` intimata ġiet interpellata sabiex tgħaddi għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni sofferti mir-rikorrenti, u dan anke permezz t` ittra uffiċjali datata l-24 ta` Settembru 2019 (ara **Dok.E** hawn anness) iżda baqgħet inadempjenti;

   Għalhekk, tgħid is-soċjeta` intimata għaliex din l-Onorabbli Qorti m`għandhiex għar-raġunijiet premessi u prevja kull dikjarazzjoni oħra neċessarja:

   1. Tiddikjara li s-soċjeta` intimata hija responsabbli għad-danni sofferti mir-rikorrenti;

   2. Tillikwida d-danni kollha sofferti mir-rikorrenti, prevja n-nomina ta` periti mediċi jew ikun il-każ;

   3. Tikkundana lill-istess soċjeta` intimata tħallas lir-rikorrenti d-danni hekk likwidati fi żmien perentorju mogħti lilha minn din l-Onorabbli Qorti

      Bir-riserva ta` kull azzjoni fil-liġi, u bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra ufiċċjali tal-24 ta` Settembru 2019 u bl-interessi mid-data tal-istess ittra uffiċċjali msemmija kontra s-soċjeta` intimata li hija minn issa nġunta għas-subizzjoni.

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Crystal River Cruises Manning Limited (is-Soċjeta' konvenuta) tal-25 ta' Ġunju 2021 li permezz tagħha wieġbet is-segwenti:

1. Illi l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma nfondati fill-fatt u fid-dritt;

2. Illi s-soċjeta` intimata tirrispinġi l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet kollha miġjuba kontriha kif ukoll tirrisprinġi kull responsabbilita` għal dak hekk allegat mir-rikorrenti;

3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u fi kwalunkwe kaz, is-soċjeta` intimata tesponi li jinkombi fuq ir-rikorrenti li ġġib prova tad-danni allegati u konsegwentement, id-danni hekk allegat qegħdin jiġu kkontestati fl-intier tagħhom;

4. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-Kawża.

Qrat u semgħet ix-xhieda tal-persuni mressqa fil-perkors ta' din il-kawża.

Rat li l-kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

**Punti ta' fatti**

L-Attriċi kienet impjegata bħala waitress mas-Soċjeta' konvenuta, propjetarja tal-bastiment Crystal Mahler. Dan l-impjieg kien regolat minn diversi kuntratti bejn il-partijiet bl-aħħar wieħed datat 16 ta' Frar 2019 (Ara minn a' fol 9 sa 26).

B'konsegwenza tax-xogħol li għamlet fuq il-bastiment inkwistjoni, l-Attriċi bdiet tbati minn kundizzjoni f'idejha x-xellugija. Din il-kundizzjoni medikament hija magħrufa bħala '*Cubital tunnel syndrome'* u '*corporal tunnel syndrome'*.

L-attriċi tinsisti li din il-kundizzjoni feġġitilha b'konsegwenza diretta tax-xogħol li kienet tkun assenjata fost oħrajn tqandil ta' oġġetti tqal u nuqqas ta' mistrieħ b'siegħat twal tax-xogħol. Fi ftit kliem xogħol li kien aktar minn dak mistenni minn waitress.

Għalhekk għamlet din il-kawża għad-danni minnha sofferti'

**Punti ta' Liġi**

It-talba tal-Attriċi hija waħda għad-danni wara korriment fuq il-post tax-xogħol.

Ġie ritenut li *"Il-prinċipji ġenerali li jirregolaw is-saħħa u s-sigurta' fuq il-post tax-xogħol u r-responsabbiltajiet ta' min iħaddem huma ben stabbiliti fil-ġurisprudenza tagħna u anke mfissra f'Liġi speċjali. Bħala prinċipju ġenerali l-ħarsien tas-saħħa u s-sigurta` fuq ix-xogħol għandu jitqies ta' interess pubbliku"* (Art 2(a) tal-Att.VII tal-1994 ripetut fl-Art 4(1) tal-Att XXVII ta' l-2000 (Kap 424 tal-Liġijiet ta' Malta.)

Sussegwentement dan l-obbligu kompla jiġi regolat bl-Avviż Legali 44 tas-sena 2002 (LS 424.15) u bl-Avviż Legali 36 ta' l-2003 (LS 424.18).

Huwa dmir ta' min iħaddem li jipprovdi dik li tissejjaħ bħala "*a safe system of work*", b'dan li huwa obbligu tiegħu li jipprovdi mezzi, apparat u ambjent li ma jkunux ta' perikolu u riskji għas-saħħa u l-ħajja tal-istess impjegat - Att biex jippromwovi s-Saħħa u s-Sigurta` fuq il-Post tax-Xogħol - Att Numru VII tal-1994 fl-artikolu 2(2)(a) u (b) (Ara **Sentenza fl-ismijiet John Sultana -vs- Francis Spiteri et noe tat-28 ta' Mejju 1979** u **Emmanuel Grech vs Carmelo sive Charles Farruġia et no et tas- 7 ta' Diċembru**

**1994**) imbagħad fis-**Sentenza fl-ismijiet Keith Caruana -vs- Joseph Paris et nominee tal-P.A. tat-12 ta' Frar 1999** telenka b'mod ġenerali d-dmirijiet ta' min iħaddem.

Ukoll "*huwa dmir ta' kull min jaħdem fuq post tax-xogħol li jħares is-saħħa u s-sigurta' tal-ħaddiema l-oħra fl-istess post, kif ukoll tiegħu stess*" (Art. 2(2)(c) Att. VII tal-1994)." (Ara **Sentenza fl-ismijiet Robert Azzopardi -vs- Gutenberg Press Limited, Qorti Ċivili Prim'Awla, 31 ta' Ottubru 2013**). U kif insenjat fis-**Sentenza Carmelo Fenech vs Malta Freeport Terminals mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim'Awla per imħallef Joseph R. Micallef fis-16 ta' Mejju 2019**, "*Illi d-dottrina tgħallem illi fil-qasam ta' responsabbiltà dwar korriment li jseħħ fuq il-post tax-xogħol waqt il-qadi ta' dmirijiet tal-persuna li tkun, japplikaw kemm regoli ġenerali kif ukoll speċjali. Ir-regoli ġenerali jgħabbu lil kull persuna bir-responsabiltà għal egħmil jew nuqqas ta' egħmil tagħha (Art. 1031 tal-Kap 16)"*. Di fatti ser naraw li anke fil-każ odjern jeżistu regoli li japplikaw għall-ekwipaġġ u baħħara.

B'żieda ma' dan, kull min iħaddem jrid iwieġeb għal aġir mal-ħaddiem tiegħu Art. 1037 tal-Kodiċi Ċivili, sakemm ma jintweriex li dak il-ħaddiem naqas li joqgħod għall-istruzzjonijiet jew għall-prekawzjonijiet li l-imgħallem tiegħu jkun widdbu bihom jew ipprovdielu, jew sakemm ma jintweriex li l-ħaddiem, bi traskuraġni jew b'rieda, ikun hu nnifsu ġab l-effetti tal-inċident b'idejh (Ara **App. Ċiv. Tat-28 ta' April 2017 fl-ismijiet Tessie Cardona et -vs- C.V. Builders Ltd. Et**).

B'żieda ma' dan, hija regola oħra ewlenija f'dan il-qasam, li l-imgħallem irid jiżgura li jipprovdi lill-ħaddiema tiegħu b'ambjent li jżomm 'l bogħod kull periklu u dan billi jiżgura li titħaddem sistema xierqa ta' ħarsien minn kull periklu fejn ikun sejjer isir ix-xogħol minnu mitlub. Fid-dritt, dan id-dmir iġorr miegħu grad għoli ta' responsabbilità fuq l-imgħallem, u jaqa' fuqu l-piż li jipprova li l-inċident ikun seħħ minkejja li jkun ħares dak kollu li l-liġi tistenna minnu f'dan ir-rigward. Huwa wkoll dmir li jitfa' fuq min iħaddem il-piż li jieħu miżuri preskritti xierqa (Art. 6(2) tal-Kap 424) u jġib miegħu wkoll id-dmir tal-għoti ta' tagħrif meħtieġ, l-għoti ta' tagħlim u taħriġ u kif ukoll superviżjoni biex titħares is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiem Art. 6(3) tal-Kap 424.

Huwa daqstant ieħor stabbilit li dan id-dmir ta' min iħaddem jitlob ukoll li s-sistema tax-xogħol li jkun irid iħares lill-ħaddiema wkoll fil-każ li r-rutina tal-istess xogħol tnissel sens ta' aljenazzjoni jew traskuraġni (Ara **Sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ tad-9 ta' Settembru tal-1981 fl-ismijiet Godfrey Borġ -vs- George Wells et noe**). Daqstant ieħor ifisser li jekk sistema tkun ilha titħaddem għal tul ta' żmien bla ma qatt ikun inqala' xi inċident, dan ma jfissirx li dik is-sistema hija waħda sikura jew li teħles lill-imgħallem mir-rabtiet imposti fuqu mil-liġi (Ara **Sentenza tal-P.A. tal-10 ta' Ottubru 1980 fl-ismijiet Calleja vs Fino**).

Irid jingħad ukoll, li l-imsemmi grad għoli ta' responsabbilità li jaqa' fuq min iħaddem ma jeħlisx lil min jaħdem mill-obbligu li jħares is-saħħa u s-sigurtà tiegħu nnifsu u ta' dawk kollha li jistgħu jintlaqtu mix-xogħol li jkun

qiegħed iwettaq (**Art. 7(1) tal-Kap 424**), u b'mod partikolari, għandu jimxi id f'id ma' min ikun qiegħed iħaddmu safejn jidħlu l-obbligi li l-liġi tqiegħed fuq spallejn l-imgħallem u l-awtoritajiet kompetenti (**Art. 7(2) tal-Kap 424**) u għandu jżomm lura milli jqiegħed lilu nnifsu f'sitwazzjoni li tesponih għar-riskju bla bżonn u li joqgħod f'kull ħin attent għal dak li jkun qiegħed jagħmel (Ara **Sentenza tal-P.A. tat-30 ta' Ottubru 2008 fl-ismijiet Richard Farruġia -vs- Elbros Construction Ltd**). B'mod partikolari, ħaddiem għandu jkun konxju tal-perikli fuq il-lant tax-xogħol tiegħu u ma għandu qatt jagħmel manuvri azzardati li jgħollu r-riskju tal-ħsara jew tal-korriment lilu nnifsu u 'l dawk ta' madwaru (Ara **Sentenza tal-P.A. TM tad-9 ta' Ottubrun 2003 fl-ismijiet Kevin Mallia -vs- Alf Mizzi & Sons (Marketing) Ltd).** Irid ukoll jingħad li l-pożizzjoni f'każ ta' sinistri ta' din ix-xorta fuq il-post tax-xogħol, il-pożizzjoni taħt il-liġi tagħna hija bħal dik prevalenti taħt il-common law Ingliża. Fil-ktieb **Occupational Health & Safety Law" ta' Brenda Barrett et (3rd Edit. 1997 paġna 28**) intqal li fejn hemm kuntratt ta' impieg "*it could be said that there was an implied duty to take care for the personal safety of the other party to the contract."* Dan ifisser li kif ġie osservat fis-**Sentenza fl-ismijiet Debono vs Malta Drydocks** li ingħatat **fis-27 ta' April 2005** hu biżżejjed għall-ħaddiem li juri n-nuqqas ta' teħid ta' miżuri adegwati, bl-obbligu imbagħad ikun fuq min iħaddem biex jipprova jiskolpa ruħu. Interessanti wkoll dak li jingħad minn 'Giovanna Visintini' fir-rigward tal-liġi Taljana dwar infortuni fuq il-post tax-xogħol: "*Passando a' considerare l'altra previsione dell'obblio di*

*sicurezza a' carico del datore di lavoro anhe qui una evoluzione guirisprudenziale che, gia alla fine del secolo scorso, escogita la costruzione dell'obbligo contrattuale di titular l-incolumita' dell'operaio, spostando la casistica delgli infortuni sul lavoro dal terreno della responsabbilita' aquiliana a quella contrattwale con i relattivi vantaggi di ordine probatorioprocessuale per l'infortunato*" (**Giovanna Visitini, Trattato Brve della Responsabilita' Civile Cedm. Ed 1996. pg 99**).

Jidher għalhekk, li diversi sistemi ġuridiċi ma jridux li jqiegħdu fi żvantaġġ proċedurali lill-ħaddiem, li f'sitwazzjonijiet ta' din ix-xorta huwa meqjus bħala l-parti l-aktar vulnerabbli. Dan qiegħed jingħad, mingħajr ebda ħsara għad-dritt ta' min iħaddem, li jressaq il-provi kollha meħtieġa biex jinħeles mir-responsabbilita' tal-akkadut.

**Konsiderazzjonijiet**

Qabel ma l-Qorti timbarka fuq likwidazzjoni tad-danni, trid l-ewwel tistabilixxi jekk is-Soċjeta' konvenuta għandiex twieġeb għad-danni sofferti mill-Attriċi. Fi ftit kliem, fejn ma hemmx responsabbilita' għall-inċident ma hemmx responsabbilita' għad-danni sofferti u għalhekk ma hemmx danni x'jiġu likwidati.

<u>*Ir-responsabbilita'*</u>

Il-Qorti eżaminat b'reqqa il-provi. Jiġi rilevat, li l-parti l-kbira tagħhom tressqu mill-Attriċi peress li għal raġunijiet li tafhom biss is-Soċjeta' konvenuta, din ftit li xejn ħadet interess fit-tressiq tal-provi tagħha jew sabiex tirribatti dak li qed tgħid l-Attriċi salv għal dikjarazzjoni mhux

maħlufa ta' ċertu Manfred Kouros (a' fol 88). Di fatti l-provi tas-Soċjeta' konvenuta kellhom jibdew fis-seduta tal-14 ta' Frar 2024, meta f'dik is-seduta baqet ma ressqet ebda provi. Fis-seduta ta' wara s-Soċjeta' konvenuta ddikjarat li ma kellhiex provi aktar xi tressaq.

Jibda biex jingħad li l-aspett ta' ħinjiet twal ta' xogħol jirriżulta b'mod ċar. Fl-affidavit tiegħu Robert Horvath jispjega li: "*The resting and working hours were never complied with any of the Maritime Laws"* (a' fol 65) F'dan ir-rigward Nagy Zoltan jgħid "*I can definitely declare that our working hours were about 90 and much much more hours weekly*" (a' fol 62). Zsolt Berzevicy jgħid li "*to be honest it was awful and unbearable as the pressure on a 6 star cruise ship is already upgraded and we were working 13-14 hours daily for 3 month continuously with no off day and not enougħ resting time"* (a' fol 69).

Skond il-Maritime Labour Convention, 2006, as amended (MLC, 2006) *(Entry into force: 20 Aug 2013)* sa fejn jirrigwardja l-ħinijiet tax-xogħol għal dawk li jaħdmu fuq il-baħar jingħad hekk:

"*5. The limits on hours of work or rest shall be as follows:*

*(a) maximum hours of work shall not exceed:*

*(i) 14 hours in any 24-hour period; and*

*(ii) 72 hours in any seven-day period; or*

*(b) minimum hours of rest shall not be less than:*

*(i) ten hours in any 24-hour period; and*

*(ii) 77 hours in any seven-day period. (Standard A2.3 – Hours of work and hours of rest)”.*

Issa mix-xhieda fuq imsemmija jirriżulta ċar li s-siegħat tax-xogħol kienu jaqbżu dawk li trid il-liġi. Siegħat twal tax-xogħol mingħajr mistrieħ adegwat mhux biss huma indikattivi ta’ nuqqas ta’ ‘*safe system of conduct’* imma dawn il-Qrati saħansitra sabu li ċirkostanza bħal din tiġġustifika li l-ħaddiem ma jibqax fl-impjieg għaliex din tammonta għal ‘constructive dismissal’ (Ara **Sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati Malta per dakinhar Mag Consuelo Scerri Herrera tas-17 ta’ Mejju 2016 fl-imsijiet Charichelon Company Limited -vs- Amanda Greaves**).

L-Attriċi ssostni wkoll li d-debilita’ li qed issofri minnha hija b’konsegwenza tax-xogħol ripetittiv u tqandil ta’ oġġetti pesanti li ma kinux jidħlu fir-remit industrijali tagħha bħala waitress. Di fatti skond it-tobba li eżaminawha dwar id-diżabilita’ dawn jaslu għall-konklużjoni li d-diżabilita’ kienet b’konsegwenza tax-xogħol ripetittiv li kellha. Dr. Zoltan Szakacs, speċjalista fin-newroloġija jikkumenta li “*In my opinion, there is an unequivocal connection between the repetitive physical stress on the forearm and the development of tunnel syndromes, as this sort of damage develops as the result of repetitive overuse”* (a’ fol 212). Is-Soċjeta’ konvenuta m’għamlet xejn biex tirribatti dawn il-konklużjonijiet, anzi saħansitra qalet li ma riditx tippreżenta nota ta’ osservazzjonijiet iżda riedet tistrieħ fuq l-atti (a’ fol 513).

Issa f'din il-Kawża ma tqabbad ebda tabib mill-Qorti u mill-fatt li anke l-istess Soċjeta' konvenuta qed tistrieħ fuq l-atti jfisser, li l-fehma inkontestata tat-tobba li kkonsultat l-Attriċi għandhom valur probatorju importanti (Ara **Sentenza tal-PA tat-8 ta' Mejju, 2018 fl-ismijiet Marouska Fenech -vs- Support Services Ltd et**).

L-Attriċi tgħid li qabel ma bdiet taħdem mas-Soċjeta' Konvenuta ma kellha ebda problemi ta' saħħa u dan skond ċertifikat maħruġ mit-tabib tagħha Dr. Imre Melles (a' fol 205). Tixhed li "…*while on my position contract of employment read 'waitress' unofficialy I also worked as a cleaner, garbage off loader, a loader, a kitchen porter and a runner" (a' fol 207).* Tgħid ukoll li *"…we would have a break which we were meant to have during this time frame… the amount of rest that we were made to sacrifice for this extra work to be done, I estimate as waitresses worked up to 13 hours a day, seven days a week depending on the unofficial work that was assigned to us on the particular day,"* (Ibid).

Fil-kundizzjonijiet ġenerali tagħha għandha fost oħrajn *"To follow work schedules, section plans and rotations and to do any additional duties (such as gangway duties, stores loading, luggage handling, room service breakfast assistance, as scheduled by the Rerstaurant Manager as required ...* (a' fol 129 u tergo). Skond Stefan Korous, 'stores loading' tfiser "…*normally when trucks are in front of the ship, for the easier movement of boxes and packages they are loaded into the ship by a chain of persons.* Asked how heavy would these be*, 'I cannot give you an*

*answer. A box of pillows is not the same as a box of frozen calamari. We are not talking a fifty kilo barel*" (a' fol 398). Ikkunsidrati dawn ix-xogħlijiet addizzjonali, id-desinjazzjoni ta' *waitress* ma hiex waħda feliċi. Mix-xhieda tal-Attriċi pero jirriżulta li dan ix-xogħol addizzjonali ma kienx wieħed okkażjonali iżda sar xi ħaġa ta' kuljum.

L-attriċi tispjega, li wara li lmentat mill-uġiegħ li kellha f'idejha ġiet trasferita għal Bistro meta x-xogħol kien aktar iebes *"...I was partnered with a two metre high trolley, weighing about 150 kgs, I had to push, pull and lift this trolley which often was fully loaded, over door steps and other obstacles … This not to mention other cumbersome tasks I was burdened with following this transfer, such as constant loading and unloading of the dishwasher with heavy chine and cutlery, and the lifting of heavy iron drain covers in order to clean the pantry floor"* (a' fol 208). Bil-konsegwenza li kellha tagħmel ħames operazzjonijiet f'idejha (a' fol 210).

Zsolt Berzevicy jikkorrobora lill-Attriċi meta jixhed li "*I saw her dropping down plates and cutleries at the dishwasher area. She mentioned me that her manager is ignoring her grief as she had severe pain in her hand, and put her in a position which physically even more burden some as she had to work as a runner during dinner service for hours and also had to deal with a heavy, fully loaded around 150 kg or more trolley. I helped her in the galley to push it into the elevator over the ramp"* (a' fol 71).

Issa l-Attriċi ġiet trasferita għall-Bistro minħabba l-uġiegħ li kellha f'idejha għalkemm is-Soċjeta' konvenuta tgħid li ma kinitx taf b'dan għaliex l-Attriċi

qatt ma nfurmathom u lanqas ma lmentat dwar l-uġiegħ (a' fol 90). Minn eżami tal-provi pero' jirriżulta l-kuntrarju għaliex proprju minħabba f'hekk ġiet trasferita għall-Bistro.

Robert Horvath "*During my last final days with Crystal River Cruises I had suffered a lumbar Disorder which has happened in Passau, one of our port of call. I was never given medical or any assistance from the company, even though I was clearly in pain and in need of immediate help. I had to make my way to hospital by myself which was two and a half km away from the port of call and I was never ever asked by the shipboard management if I was needed any assistance whatsoever*" (a' fol 66). Fil-każ tal-Attriċi jixhed li "*At the first time we had some free hours to get off the ship, we straight away after one lunch service we took a taxi and went to the Radboud Umc Hospital at Nijmegen and Judit had a proper medical examination. She was advised not to use her hand for repetitive movements and see the specialist as soon as she is off the ship to have it operated with Tunnel syndrome … after she came from the hospital with the doctor's prescription, the RM refused to read the Nijmegen Doctors letter…"* (a' fol 61 u a' fol 151. Ara wkoll xhieda tal-Attriċi a' fol 208).

Issa skond il-Maritime International Covention 2006 "*Each Member shall ensure that all seafarers on ships that fly its flag are covered by adequate measures for the protection of their health and that they have access to*

*prompt and adequate medical care whilst working on board …* ***Regulation 4.1 – Medical care on board ship and ashore".***

Mill-provi jirrisulta li ma kien hemm xejn abbord tal-vapur sabiex tingħata l-ewwel għajnuna u li l-konsuetudni jidher li dejjem kienet, li flok baħħar jingħata l-ewwel għajnuna jintbagħat lejn l-eqreb sptar a' spejjes tiegħu. Il-kundizzjonijiet tal-ħaddiema kienet tali ħafna minnhom "...*got injured or got sick, and they leave the ship because of the extreme work, and they never received any help from the managers*" (a' fol 70). F'dan ir-rigward Zsofia Farago-Rola, ex-impjegata, tixhed li "*I was literary* (rect literally) *shocked, how river workers are serving 200+ customers during 24 hour service, with 6+ staff/breakfast, lunch/dinner. After 3 weeks of service I decided to quit actually I was running away from that river ship in order <u>to save my mental and physical conditions</u> and that was me who was working for 9 years before and serving 60+ customers as waitress and it happened that I was almost one year on the ship"* (Emfażi tal-Qorti a' fol 78).

Jiġifieri minn dawn il-brani jirriżulta, li minkejja dak li jixhed Manfre Kouros, is-Soċjeta' konvenuta mhux minnu li kellha 'a *safe and healthy environment'*. Fost oħrajn, apparti s-siegħat twal ta' xogħol, minkejja li fil-kuntratt tal-Attriċi hemm imniżżel li "*… Safety Responsibilities … To practice safer Lifting Techniques at all times"* (a' fol 129 u tergo), meta ġiet trasferita fil-Bistro parti minn xogħlha kien li timbotta trolley ta' 150 kilogramma u trid timbuttaħ minn fuq għetiebi u ttellgħu fil-lifts. Jirriżulta

wkoll, li l-Attriċi kien hemm mumenti fejn spiċċat 'kitchen hand jew dish washer', tqandel platti kbar meta diġa' kellha l-kundizzjoni ta' idejha. Dan kollu ma għen xejn biex itaffilha mill-problema ta' idejha iżda pjuttost aggravatilha.

**L-awtur Michael Whincup, fil-ktieb** "**Modern Employment Law" (6 th Edit. 1990) pg 209,** jgħid li huwa obbligu ta` min iħaddem "*to select suitably qualified people to do his work, to provide training where necessary, <u>and in particular to ensure that those in charge have the knowledge and ability to see that the work is done safely</u>*" (Emfażi tal-Qorti). Issa mill-provi li għandha quddiemha din il-Qorti jirriżultalha li dawk li kellhom jissorveljaw li ħadd ma jkun fil-perikolu, minflok kienu jinjoraw l-ilmenti li jsirulhom. Dawn il-Qrati dejjem irritenew li min iħaddem għandu d-dover li jipprovdi post tax-xogħol li ma jkunx ta' periklu u riskju għas-saħħa ta' l-istess ħaddiem (ara **Sentenza fil-kawża fl-ismijiet Kevin Mallia vs Alf Mizzi and Sons Limited deċiża fid-9 ta' Ottubru, 2003 Bugeja vs Falzon deċiża minn din il-Qorti fit-30 ta' April, 1997 u Desira vs Grech and Co. Ltd. deċiża fit-30 ta' Mejju, 2002**). Similment fis-**Sentenza fl-ismijiet Slack vs Elektra Ltd deċiża fl-20 ta` Frar, 2003**, il-Qorti osservat li min iħaddem għandu l-obbligu u d-dmir li jipprovdi sorveljanza adegwata sabiex l-ambjent tax-xogħol ma jkunx konduċenti għal kwalunkwe forma ta` inċident li jippreġudika lill-impjegati tiegħu.

Għalhekk fid-dawl tal-provi li għandha quddiemha din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li s-Soċjeta’ konvenuta għandha twieġeb għad-danni li sofriet l-Attriċi.

*Likwidazzjoni ta’ danni.*

Id-danni klassikament dejjem jitqiesu żewġ kwalitajiet: dawk li huma danni effettivi (damnun emergens) u dawk li jikkonsistu f’telf fil-futur (lucrum cessans).

Dan joħroġ anke minn dak li jiddisponi artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili li jgħid hekk: “Il-*ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id-dispożizzjonijiet ta’ qabel, hija t-telf effettiv li l-għemil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, u t-telf ta’ qligħ li tbati ’l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-għemil seta’ jġib”.*

Pero’ din il-Qorti tagħti wkoll importanza lill-prinċipju tar-‘restitution ad integrum’, fis-sens li l-vittma għandha kemm jista’ jkun titqiegħed fil-posizzjoni li kienet qabel ma seħħ l-inċident. Il-Qorti hija konxja li dan il-prinċipju għandu aktar minn natura ta’ dak li hu mixtieq milli reali, għaliex huwa prattikament impossibbli li wara inċident li jħalli debilita’ permanenti, l-persuna terġa’ titqiegħed fl-istat psiko-fiżiku li kienet fih qabel seħħ l-inċident.

Din il-Qorti ssejjaħ dan l-element bħal integrita’ tal-persuna. L-għotja ta’ flus, kbira kemm tkun kbira, qatt ma tista’ tirrintegra lill-vittma għall-istatus

'quo ante'. Jekk l-Attriċi kienet tipprattika sport, dan ma hux ser tagħmlu aktar, u jekk kellha l-ħila li jkollha żewġ impjiegi, issa bil-kemm wieħed jista' jkollha. Mhux ħtija tagħha li ma baqgħetx bniedma bil-ħiliet u kapaċitajiet li kellha qabel l-inċident. Għalhekk dan l-aspett għandu wkoll jittieħed inkonsiderazzjoni.

F'dan ir-rigward Munkmen isemmi l-każ ta' **Heil -vs- Rankin** fejn intqal hekk: "*The Court's approach involves trying to find the global sum which most accurately in monetary terms reflects or can be regarded as reflecting a fair, reasonable and just figure for the injuries which have been inflicted and the consequences they will have…*" (Ara **Munkman on Damages for Personal Injuries and Death 12th ed, Lexis Nexis, pg 3**).

Għalhekk, din il-Qorti, apparti li ser tkun qed tillikwida somma fuq il-linji li evolvew b'Sentenzi ta' dawn il-Qrati fuq gwida tal-prinċipji ennunċjati f'**Butler -vs- Hurd**, ser tkun qed tagħti somma oħra, li tagħmel tajjeb għat-telf tal-integrita' psiko-fiżika u soċjali tal-persuna, integrita' li tikkomprendi t-taqlib li jkun ġab miegħu l-inċident f'ħajjet id-danneġġjat.

*<u>Damnum Emergens</u>*

Dwar dawn ix-xorta ta' danni l-Attriċi ma esebietx ebda dokumenti. F'dan ir-rigward il-Qorti qieset is-sottomissjonijiet tal-Attriċi (a' fol 530 para 37). Il-Qorti taqbel għal kollox ma' din is-sottomissjoni u għalhekk qed tillikwida dawn ix-xorta ta' danni fl-ammont ta' **(€2,129.35)**

*<u>Lucrum cessans.</u>*

Il-prinċipji prinċipali huma s-segwenti tal-mod kif għandu jkun likwidat it-telf fil-futur.

L-ewwel u qabel kollox il-fehmiet tal-perit mediku maħtur mill-Qorti għandhom iservu bħala mira għall-finijiet ta' likwidazzjoni ta' danni. Din il-mira hija fis-sens li l-perċentwali ta' debilita' hija meqjusa b'mod globali, fuq kif u kemm l-Attriċi ser tkun affettwata 'l quddiem fl-attivitajiet tagħha u f'saħħitha. Kemm hu hekk, huwa stabbilit mill-Qrati tagħna li għal dak li jirrigwarda l-perċentwali ta' diżabilita', dak li jrid jiġi stabbilit m'huwiex il-grad ta' inkapaċita' f'sens biss purament mediku, iżda l-effett li l-ħsara personali għandha fuq il-qligħ tal-persuna midruba. F'dan ir-rigward il-Qorti għandha tqis il-konklużjonijiet li waslu għalihom l-esperti ex-parte f'din il-Kawża għaliex kif diġa ingħad ma ġiex maħtur espert ta' din il-Qorti u di piu' is-Soċjeta' konvenuta għażlet li tistrieħ fuq l-atti.

Issa f'dan il-każ id-diżabilita' totali "is as to 18% for physical impairment and 3% for psychological impairment (a' fol 213). Aktar tard intqal li d-dannu fiżiku żdied għal 25% (a' fol 412 u ara xhieda ta' Dr. Zoltan Fulop a' fol (500). Għalhek f'dan il-każ il-Qorti ser tieħu l-'weighted average' u tasal għal diżabilita' totali ta' 26%.

Kif diġa' aċċennat, sabiex din il-Qorti tkun tista' tillikwida somma ta' danni xierqa u mistħoqqa bħala kumpens, huwa ta' siwi ewlieni u għal kollox desiderabbli li, sa fejn possibbli, tkun taf il-ħsara mġarrba mill-vittma kemm sejra tolqot lill-istess vittma fl-assjem tal-attivita' tagħha kollha u mhux biss fl-użu ta' dik il-parti tal-ġisem li tkun indarbet.

B'dan il-mod, il-Qorti temmen fis-sħiħ li tkun qiegħda tevita li tasal għal-likwidazzjonijiet li jew ikunu sproporzjonati mal-ħsara sħiħa li l-vittma tkun ġarrbet tassew, jew iwasslu għall-possibilita' li l-vittma "takkumula" perċentwali ta' debilita' li donnhom "jippremjawha" kumulativament b'mod sempliċement matematiku talli tkun korriet f'aktar minn organu wieħed. Dan jidher li japplika iżjed f'dawk li huma każijiet imsejħin bħala "partial wreck cases", fejn il-midrub ma jitlifx għal kollox il-ħila u s-setgħa li jibqa' jaħdem u jagħmel ħafna mill-attivitajiet li kien iwettaq qabel l-inċident.

F'dan ir-rigward din il-Qorti temmen li trid tiddistingwi bejn żewġ sitwazzjonijiet. Is-sitwazzjoni fejn minkejja l-perċentwal ta' diżabilita` permanenti dan ma jipprekludiex lil dak li jkun jissokta fil-ħajja lavorattiva tiegħu u dik is-sitwazzjoni l-oħra fejn apparti l-perċentwalita' ta' diżabilita' il-persuna ser tkun għal bqija tal-ħajja lavorattiva tagħha inkapaċi li twettaq kull xorta ta' xogħol.

Issa jirriżulta b'mod ċar li qabel l-inċident l-Attriċi kienet bniedem ta' ċertu ħiliet, kif anke tixhed hi stess, minħabba dak li ġralha lanqas għadha tajba għal dan ix-xogħol li kienet speċjalizzat fih. Provat l-accountancy imma idejha x-xellugija hija wkoll ta' ostakolu f'dan ix-xogħol. Provat dental receptionist iżda inkontrat l-istess ostakolu u tkompli tgħid li *" the simplest life's pleasures have been taken from me ... I am no longer able to practice sports, … drive a car ... or do household chores ... all this has inevitably taken a sever toll on my mental health ..."* (a' fol 212). Bosta minn ħbiebha xehedu li wara l-inċident kienet saret qiesha persuna oħra.

Għalhekk anke in ommaġġ għall-prinċipju tar-'restitutio in integrum', minbarra li taħdem fuq id-diżabilita' bis-solitu formula ta' likwidazzjoni ta' danni, din il-Qorti għandha tagħti wkoll somma oħra, li għandha tkun imħollija fid-diskrezzjoni u sens ta' ġustizzja tal-ġudikant li jistabilixxi din is-somma x'għandha tkun skont iċ-ċirkostanzi li jkollu quddiemu. Il-Qorti aktar 'l fuq diġa' għamlet aċċenn għall-prinċipju riparattiv tal-integrita' psiko-fiżika tal-vittma.

Għalhekk qabel ma l-Qorti tgħaddi biex tillikwida s-somma ta' danni li għandha tingħata lill-Attriċi bħala kumpens, huwa meħtieġ li jiġi mistħarreġ il-kejl li sejjer jittieħed dwar il-ġejjieni li fuqu t-talba attriċi sejra tinbena. Għalhekk il-Qorti tħoss li sabiex tagħmel tajjeb għall-effetti miserabbli li l-inċident ħalla' fuq l-Attriċi għall-bqija ta' ħajjitha qed tillikwida s-somma ta' ħamest elef ewro (**€5000**) rappreżentanti l-frammentazzjoni psiko-soċjali ta' ħajjet l-Attriċi.

Il-'multiplier' li normalment jintuża bħala mezz biex it-telf ta' qligħ li tingħata l-Attriċi jiġi kalkolat, hija waħda li dwarha l-Qrati tagħna f'dawn l-aħħar żminijiet flew sewwa. Xi kittieba awtorevoli f'dan il-qasam ifissru l-'multiplier' bħala "*a figure somewhat less than the number of years for which the loss is likely to continue - that is, in a personal injury action, until the plaintiff's injuries cease to affect earnings or the plaintiff dies or retires. This figure is then reduced partly because of the 'contingencies' (i.e. that the plaintiff might not have lived or worked so long or might have lost earnings even if the accident had not occurred), and partly because*

*the plaintiff is going to receive not an income but a capital sum which can be invested to produce an income. The multiplier is not the product of precise calculation, but of estimation in the light of the facts of the particular case and of other comparable cases”* (**Peter Cane, Atiyah’s Accidents, Compensation and the Law (6th Edit, 1999), paġ. 128**).

Huwa wkoll stabbilit li l-‘multiplier’ għandu jibda jitqies minn dakinhar li seħħ l-inċident li fih il-vittma tkun ġarrbet il-ġrieħi u mhux minn dakinhar li l-Qorti tasal għal-likwidazzjoni. Minbarra dan, il-bixra ta’ ħsieb wara Sentenzi ta’ dawn l-aħħar snin f’dan il-qasam qiegħda xxaqleb lejn it-tneħħija ta’ skemi riġidi li jistgħu jfixklu l-għoti ta’ kumpens mistħoqq u xieraq għaċ-ċirkostanzi.

Illum huwa stabbilit li l-‘multiplier’ ikun jaqbel sewwa mal-eta’ tal-vittma u mhux ma’ kriterji arbitrarji. Iżda fis-**Sentenza fl-ismijiet John u Laura konjuġi Ransley vs Edward u Lydia konjuġi Restall tal-25 ta’ Jannar 2012** il-Qorti kellha dan xi tgħid:

“*Hawnhekk għandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta’ likwidazzjoni tad-danni kien għal żmien twil ibbażat fuq il-prinċipji enunċjati fil-kawża Butler vs Heard deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili Superjuri fit-22 ta’ Diċembru, 1967. F’dik il-kawża intqal li fid-determinazzjoni tal-multiplier, wieħed irid jieħu in kunsiderazzjoni ċ-‘chances and changes of life’, b'mod li dan il-multiplier ma jwassalx lid-danneġġjat li jieħu kumpens daqs li kieku baqa' jaħdem sad-data li jirtira, iżda l-figura tiġi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittieħed in kunsiderazzjoni l-fatt*

*li l-persuna ddanneġġjata setgħet, fil-kors normali tal-ħajja tagħha, ma waslitx qawwija u sħiħa sa l-eta' tal-pensjoni".*

Iżda l-figura użata għall-iskop tal-'multiplier' mhux dejjem ingħatat l-istess tifsira, u lanqas ma dejjem ġew użati l-istess prinċipji. Dan kien wassal biex il-Qorti tal-Kummerċ fil-kawża **Lambert vs Buttiġieġ deċiża fit-18 ta' April, 1963** qalet hekk:

"*F'din il-materja ta' lucrum cessans il-Qorti għandha tipproċedi b'kawtela kbira peress li l-qliegħ hu ħaġa ta' possibilta' u mhux ta' ċertezza u jkun jista' jonqos minn mument għall-ieħor anke għal kwalunkwe kawża materjali bħal mewt jew mard tad-danneġġjat."*

Issa din il-Qorti ssib li l-aħjar kejl huwa dak tal-eta' tad-danneġġjat fil-mument tal-inċident sakemm jilħaq l-eta' tal-pensjoni soġġett dan il-kejl għall-istat ta' saħħa tad-danneġġjat qabel l-inċident li weġġa' fih. Minn eżami tal-provi ma jirriżultax li l-Attriċi kienet isofri minn xi kundizzjonijiet li setgħu iqassrulha ħajjitha. Meta weġġħet kellha 46 sena. L-eta' pensjonabbli għal dik tan-nisa hija 64 sena, li jfisser il-'mutiplier' għandu jkun ta' 18 -il sena.

Il-Qorti kkunsidrat ukoll jekk għandux jiġi applikat it-tnaqqis tal-lump sum payment. Skont il-ġurisprudenza stabbilita, il-lump sum payment huwa dak ta' 20%. Dawn il-Qrati għallmu li dan għandu jitnaqqas f'dan il-perċentwal meta jkun għaddha żmien qasir mill-'event' dannuż u s-Sentenza finali. (ara **Sentenza fl-ismijiet Scicluna -vs- Meilaq PA 16 ta' Lulju 2001**). Fis-**Sentenza tal-Prim Awla Caruana -vs- Camilleri PA**

**tal-5 ta' Ottubru, 1993** il-Qorti ħasset li minn dan għandu jonqos xi 2% għal kull sena ta' dewmien. Ġie wkoll propost li m'għandux awtomatikament jitnaqqas skont kemm iddum il-kawża: "*jekk id-danneġġant ma jkollux ħtija fid-dewmien tal-kawża, m'għandux ikun hemm tnaqqis fil-lump sum deduction*" – (ara **Sentenza fl-ismijiet Aġius -vs- Fenech 29 ta' Ottubru, 2003**). Fis-**Sentenza tal-Prim'Awla fl-ismijiet Mizzi -vs- Azzopardi tas-16 ta' Diċembru 2004** is-somma ġiet ridotta bi 18% għax kienu għaddew tliet snin. Din il-Qorti ser tkun qed timxi ma' din l-aħħar sentenza u tikkonkludi li għandu jkun 18%.

Fil-każ ta' telf futur, dawn il-Qrati jistrieħu fuq l-aktar fattur ċert: Is-salarju prinċipali u kull qliegħ ieħor li kellu d-danneġġjat fil-waqt tal-inċident dannuż u liema qliegħ ikun raġjonevoment wieħed stabbli u fit-tul. Fid-dawl tal-provi, il-Qorti taqbel man-nota ta' ossevazzjonijiet ta' l-attriċi li fil-mument tal-inċident hi kellha paga ta' €19,165. (Ara a' fol 530).

Peress li dan huwa kalkolu għall-futur wieħed irid ukoll jieħu inkonsiderazzjoni l-"purchasing power" dovut għall-inflazzjoni tal-prezzijiet. Kif jingħad *"The indication that standard awards would be adjusted for inflation can have a major practical effect. Such adjustment require the use of the Retail Price Index imperfect instrument it may be, it is the best we have".* (Ara **Munken on Damages for Personal Injuries and Death; 12th Ed. Lexis Nexis pg 73**). Issa r-rata ta' inflazzjoni għas-sena 2019 kienet ta' ċirca 6% skont il-Bank Ċentrali ta' Malta. Għalhekk l-ammont finali ta' danni ser ikun miżjud b'dan il-perċentwal.

*Likwidazzjoni*

€19,165 (salarju annwali) x 18 (aspettativa tal-ħajja) = €344,970 -18% (lump sum payment) = €282,875. 26% ta' dan l-ammont (perċentwal ta' diżabilita) = €73,547 (lucrum cessans) + €5000 (integrita' fiżika)= €78,547 + €2159 (damnum emergens)= €80,706 * 6% (imgħax fuq dan l-ammont) + €4,842 = €**85,548**.

**Deċide**

Għaldaqstant il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-Kawża bil-mod segwenti:

**Tilqa' l-ewwel talba** Attriċi.

**Tilqa' it-tieni u t-tielet talba** Attriċi billi tillikwida d-danni sofferti mill-Attriċi fl-ammont ta' ħamsa u tmenin elf, ħames mija u tmienja u erbgħin ewro (**€85,548**) u tikkundanna lis-Soċjeta' konvenuta tħallas is-somma kif likwidata bl-imgħaxijiet legali mill-presenti sal-pagament effettiv.

Spejjes għas-Soċjeta' konvenuta.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**